MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru 469/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KOTNRA**

**RAYMOND DEBONO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba Raymond Debono, bin Gaetano u Vitorina nee' Galea, imwieled Paola nhar is-7 ta' Awwissu, 1959, residenti fil-fond numru 22, Triq il-Gifen, Marsaxlokk, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 536059M;

Akkuzat talli nhar it-2 ta' Ottubru, 2005 ghall-habta ta' 05.00pnm f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk:

1. Fil-waqt li kien ufficjal pubbliku, b’hekk sar hati ta’ reati li kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

2. U aktar talli volontarjamenet kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, storbju jew mod iehor;

3. U aktar talli qal kliem oxxen fil-pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, u hin hebb kontra Raymond Cutajar u George Cutajar u ghamlilhom griehi ta’ natura hafifa, hekk kif iccertifika Dr Saviour Cilia (NO 2432) tac-Centru tas-Sahha ta’ Hal-Qormi;

5. U kif ukoll talli sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Dr Tonio Micallef Trigona LL.D., liema sentenza kienet giet definittiva nhar il-21 ta’ Marzu, 2004.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 141, 221(1), 338(dd), u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Mill-assjem tal-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li dawn l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati, zgur mhux sal-grad ta’ prova rikjesta bil-Ligi. L-incident mertu ta’ din il-kawza ma sehhx minhabba f’xi agir jew nuqqas tal-imputat. Anzi, l-Qorti hi konvinta li l-istess imputat safa aggredit hu minn terzi, u bl-ebda mod ma agixxa kontra l-Ligi fl-ebda stadju.

Gha dawn il-motivi, dni il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------